# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

### Laqgħa Numru 30

Il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa b'urġenza *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

### PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

30.1.1 Il-Kunsill irċieva notifika li s-Sur Mark Busuttil ser jingħaqqad għal din il-laqgħa ftit tard. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-laqgħa b'urġenza mhix ser tieħu fit-tul u jista' jkun li tkun diġa' intemmet sa x'ħin jiġi biex jingħaqqad magħna s-Sur Mark Busuttil. Il-membri tal-Kunsill unanimament aċċettaw l-apoloġija u ġie skużat.

### 30.2 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti: MXR/01/2021 – *Tender for the Embellishment of Il-Munxar's Village Square including an Environmentally Friendly Irrigation System*;

30.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-2 ta' Marzu 2021. Kien hemm erba' offerti :
PRAX Concrete Limited - €547,914.86
LBV Ltd - €615,000.00
Simon Grech - €568,898.68
Road Construction Co. Ltd. - €583,955.42

30.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lit-tieni l-orħos offerent (Simon Grech) minħabba li l-orħos offerent (PRAX Concrete Limited) ma kienx konformi mar-rekwiżiti tekniċi. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

### 30.3 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

30.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irċieva d-dokumenti kollha mingħand il-Perit u l-Inġinier relatati max-xogħlijiet interni li jridu jsiru fuq il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi. Huwa qal li ser ikun qed isir ix-xogħol neċessarju biex titfassal is-sejħa għall-offerti u tiġi ppubblikata.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

30.3.2 Is-Sindku ppropona sabiex il-membri tal-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mill-istess membri li evalwaw is-sejħa għall-offerti tal-proġett tal-Pjazza jiġifieri jkun magħmul mill-Perit Robert Grech, mill-Inġinier Mario Cauchi u mis-Sur William Sultana filwaqt li s-Sindku jkun iċ-chairperson tal-bord u s-Segretarju Eżekuttiv ikun is-segretarju tal-bord. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 30.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

30.4.1 Is-Sindku fakkar lill-membri li nhar it-8 t'April 2021, dejjem jekk ikun hemm attendenza, ser issir il-laqgħa pubblika hekk kif avżat permezz ta' avviż lil kull residenza fil-lokalita'.

30.4.2 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 t'April 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR